

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tal-24 ta' Settembru 2012****li taħtar membru wieħed tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

(2012/C 288/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 79 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprevedu li l-Kunsill għandu jaħtar bħala membri tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("il-Bord ta' Tmexxija") rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru.
- (2) Bid-Deċiżjoni tas-7 ta' Ġunju 2007 <sup>(2)</sup>, il-Kunsill ħatar 27 membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi.
- (3) Il-Gvern Ungeriż informa lill-Kunsill bil-ħsieb tiegħu li jissostitwixxi lir-rappreżentant Ungeriż fil-Bord ta' Tmex-

xija u ppreżenta nomina għal rappreżentant ġdid, li għandu jinħatar għal perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Krisztina CSENGŐDY ta' nazzjonalità Ungeriża, imwiela fid-9 ta' Jannar 1961, hija b'dan maħtura membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi minflok is-Sur Zoltán ADAMS għall-perijodu mill-25 ta' Settembru 2012 sal-31 ta' Mejju 2013.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2012.

*Għall-Kunsill**Il-President*

S. ALETRARIS

<sup>(1)</sup> ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU C 134, 16.6.2007, p. 6.